KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SAUGMANDSGAARD ØE
ippreżentati fit-28 ta' Marzu 2019[1]

Kawża C-163/18

HQ,
IP, irrappreżentat legalment minn HQ,
JO
vs
Aegean Airlines SA

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-rechtbank Noord-Nederland (il-Qorti Distrettwali ta' Noord-Nederland, il-Pajjiżi l-Baxxi))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Trasport bl-ajru – Regolament (KE) Nru 261/2004 – Regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet – Artikolu 8(2) – Dritt għar-rimbors – Direttiva 90/314/KEE – Vjaġġ kollox inkluż – Kanċellazzjoni tat-titjira – Falliment tal-organizzatur tal-vjaġġi – Dritt għar-rimbors tal-biljett tal-ajru mit-trasportatur tal-ajru"

I. Introduzzjoni

1. It-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-rechtbank Noord-Nederland (il-Qorti Distrettwali ta' Noord-Nederland, il-Pajjiżi l-Baxxi) tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004[2], li jagħti drittijiet armonizzati lill-passiġġieri f'każ li t-titjira tagħhom tiġi kkanċellata, moqri flimkien mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 90/314/KEE[3], li tikkonċerna d-drittijiet tal-konsumaturi li jixtru vjaġġ kollox inkluż.

2. Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn diversi passiġġieri u trasportatur tal-ajru, rigward ir-rimbors ta' biljetti tal-ajru mitlub mill-partijiet interessati wara l-kanċellazzjoni ta' titjira li tagħmel parti mill-vjaġġ kollox inkluż li kienu xtraw mingħand kumpannija oħra. Peress li ma setgħux jiksbu dan ir-rimbors mingħand l-organizzatur tal-vjaġġ, peress li dan falla, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jsostnu li t-trasportatur tal-ajru responsabbli mit-titjira kkanċellata huwa obbligat li jikkumpensahom f'tali każ.

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10).

3 Direttiva tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 1990 dwar il-vjaġġi kollox kompriż (package travel), il-vaganzi kollox kompriż u t-tours kollox kompriż, (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 10, p. 132).

3. Għar-raġunijiet esposti f'dawn il-konklużjonijiet, inqis li l-Artikolu 8(2) tar-Regolament Nru 261/2004 għandu jiġi interpretat fis-sens li passiġġier li għandu dritt għar-rimbors ta' biljett tal-ajru mingħand l-organizzatur tal-vjaġġ kollox inkluż tiegħu, abbażi tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li ttrasponew id-Direttiva 90/314, ma jistax jitlob dan ir-rimbors lit-trasportatur tal-ajru effettiv, abbażi tar-Regolament inkwistjoni, anki meta l-imsemmi organizzatur ikun finanzjarjament inkapaċi li jirrimborsa l-biljett u jkun naqas mill-obbligu tiegħu li jieħu l-miżuri ta' garanzija previsti f'din id-Direttiva sabiex jiżgura dan ir-rimbors.

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-Direttiva 90/314

4. Skont l-Artikolu 1 tad-Direttiva 90/314, l-għan tagħha huwa "l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri relatati ma' pakketti mibjugħa jew offruti għall-bejgħ fit-territorju tal-Komunità".

5. L-Artikolu 4(6)(b) ta' din id-Direttiva jipprovdi li "[j]ekk […], għal xi raġuni tkun xi tkun, ħlief waħda li tkun tort tal-konsumatur, l-organizzatur iħassar il-pakkett qabel id-data tat-tluq, il-konsumatur għandu jkollu d-dritt […] li jitħallas lura malajr kemm jista' jkun s-somom kollha li jkun ħallas skont il-kuntratt."

6. Skont l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva msemmija, "[l]-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jiżguraw li l-organizzatur u/jew il-parti kontraenti li qed tbigħ ikunu responsabbli mal-konsumatur għat-tħaddim approprjat ta' l-obbligazzjonijiet li joħorġu mill-kuntratt, irrispettivament minn jekk dawn l-obbligazzjonijiet għandhomx jitwettqu minn dak l-organizzatur u/jew bejjiegħ jew minn xi forniturі oħra tas-servizzi mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' l-organizzatur u/jew tal-bejjiegħ li jduru fuq dawk il-forniturі l-oħra tas-servizzi."

7. L-Artikolu 7 ta' din l-istess Direttiva jimponi li "[l]-organizzatur u/jew il-bejjiegħ li jkun parti kontraenti għandu jipprovdi xiehda biżżejjed ta' sigurtà għar-rifużjoni tal-flus li jkunu tħallsu u għar-ripatrijazzjoni tal-konsumatur fil-każ ta' xi falliment".

8. Id-Direttiva 90/314 tħassret fl-1 ta' Lulju 2018 bid-Direttiva (UE) 2015/2302[4], skont l-Artikolu 29 ta' din tal-aħħar. Madankollu, fid-dawl tad-data tal-fatti fil-kawża prinċipali, hija l-ewwel direttiva li tapplika f'dan il-każ.

B. Ir-Regolament Nru 261/2004

9. Skont il-premessi 1, 2 u 16 tar-Regolament Nru 261/2004:

"(1) Azzjoni mil-Komunitá fil-qasam ta' transport permezz ta' l-ajru għandha jkollha l-iskop, fost affarijiet oħrajn, li tassigura livell ogħli ta' protezzjoni għall-passiġġieri. 'Il fuq minn dan, konsiderazzjoni sħiħa għandha tiġi meħuda tal-ħtiġijiet ta' protezzjoni tal-konsumatur b'mod ġenerali.

(2) Il-fatt li ma jitħallewx jitilgħu u l-kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet jistgħu jikkawżaw problemi serji u inkonvenjenza għall-passiġġieri.

4 Direttiva (UE) 2015/2302 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar pakketti tal-ivvjaġġar u arranġamenti tal-ivvjaġġar marbuta, li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/314/KEE (ĠU 2015, L 326, p. 1).

[…]

(16) F'każijiet fejn package tour hu kkanċellat għal raġunijiet barra mill-kanċellazzjoni tat-titjira, dan ir-Regolament m'għandux jiġi applikat."

10. L-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament, intitolat "Soġġett", jipprovdi, fil-paragrafu 1(b) tiegħu, li dan l-istrument "jistabbilixxi, taħt il-kondizzjonijiet speċifikati hawnhekk, drittijiet minimi għal passiġġieri meta [b'mod partikolari] it-titjira tagħhom hi kkanċellata".

11. L-Artikolu 3 tal-imsemmi regolament, intitolat "Skop", jipprevedi, fil-paragrafu 6 tiegħu, li dan l-istrument "m'għandux jaffetwa d-drittijiet ta' passiġġieri taħt id-Direttiva 90/314/KEE" u li "m'għandux japplika f'każijiet fejn package tour hu kkanċellat għal raġunijiet barra minn kanċellazzjoni tat-titjira".

12. L-Artikolu 5 ta' dan l-istess regolament, intitolat "Kanċellazzjoni", jipprovdi fil-paragrafu 1(a) li "[f]il-każ ta' kanċellazzjoni ta' titjira, il-passiġġieri in kwistjoni għandhom […] jiġu offruti assistenza mit-trasportatur ta' l-ajru li jopera skond l-Artikolu 8".

13. L-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 261/2004 intitolat "Dritt għar-rimbors jew rotta differenti", jipprevedi fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu:

"1. Fejn referenza hi magħmula għal dan l-Artikolu, passiġġieri għandhom jiġu offruti l-għażla bejn:

a) – rimbors fi żmien sebat ijiem, permezz tal-mezzi previsti fl-Artikolu 7(3), tal-prezz sħiħ tal-biljett bil-prezz b'liema ġie mixtri, għall-parti jew partijiet tal-vjaġġ li ma ġewx magħmulin, u għall-parti jew partijiet li diġá ġew magħmulin jekk it-titjira m'għadhiex qed taqdi kwalunkwe skop fir-rigward tal-pjan ta' vjaġġ oriġinali tal-passiġġier, flimkien ma', meta rilevanti,

– titjira lura għall-ewwel punt ta' tluq, ma' l-ewwel opportunitá;

b) rotta differenti, […] għad-destinazzjoni finali tagħhom ma' l-ewwel opportunitá; jew

ċ) rotta differenti, […] għad-destinazzjoni finali tagħhom f'data aktar tard skond il-konvenjenza tal-passiġġier […].

2. Il-paragrafu 1(a) għandu japplika wkoll għal passiġġieri li t-titjiriet tagħhom jifformaw parti minn package, ħlief għad-dritt għal rimbors fejn dan id-dritt iqum taħt id-Direttiva 90/314/KEE."

14. L-Artikolu 13 ta' dan ir-regolament, intitolat "Dritt għal rimedju", jistabbilixxi li "[f']każijiet fejn trasportatur ta' l-ajru li jopera jħallas kumpens jew jilħaq l-obbligazzjonijiet oħra li għandu d-dmir iwettaq taħt dan ir-Regolament, l-ebda dispożizzjoni ta' dan ir-Regolament ma jista' jiġi interpretat li jirrestriġi d-dritt tiegħu li jfittex kumpens minn kwalunkwe persuna, inklużi partijiet terzi, skond il-liġi applikabbli. Partikolarment, dan ir-Regolament m'għandu bl-ebda mod jirrestriġi d-dritt tal-trasportatur ta' l-ajru li jopera biex ifittex rimbors minn operatur tat-tour jew persuna oħra ma' liema l-trasportatur ta' l-ajru li jopera għandu kuntratt. B'mod simili, l-ebda dispożizzjoni ta' dan ir-Regolament ma tista' tiġi interpretata li tirrestriġi d-dritt ta' operatur tat-tour jew ta' parti terza, barra minn passiġġier, ma' liema trasportatur ta' l-ajru li jopera għandu kuntratt, biex ifittex rimbors jew kumpens mil-trasportatur ta' l-ajru li jopera skond il-liġijiet applikabbli rilevanti".

III. Il-kawża prinċipali, id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

15. Aegean Airlines SA, kumpannija tal-ajru stabbilita fil-Greċja, ikkonkludiet kuntratt ta' noleġġ ma' G.S. Charter Aviation Services Ltd (iktar 'il quddiem "G.S. Charter"), kumpannija stabbilita f'Ċipru, li permezz tiegħu hija kellha tipprovdi lil din tal-aħħar ċertu numru ta' postijiet, permezz tal-ħlas ta' prezz ta' noleġġ. G.S. Charter sussegwentement biegħet xi postijiet, b'mod partikolari, lil Hellas Travel BV (iktar 'il quddiem "Hellas"), organizzatur tal-vjaġġi stabbilit fil-Pajjiżi l-Baxxi.

16. G.S. Charter u Hellas ikkonkludew ftehim li permezz tiegħu, mill-1 ta' Mejju sal-24 ta' Settembru 2015, kull nhar ta' Ġimgħa kellha ssir titjira bir-ritorn bejn Korfù (il-Greċja) u Eelde (il-Pajjiżi l-Baxxi), fejn kellu jitħallas depożitu lil Aegean Airlines u l-pagament tat-titjira tar-ritorn previst il-Ġimgħa ta' wara kellu jiġi saldat kull nhar ta' Tnejn.

17. Fid-19 ta' Marzu 2015, HQ, IP – irrappreżentat legalment minn HQ – u JO (iktar 'il quddiem "HQ *et* ") irriżervaw titjiriet bir-ritorn bejn Eelde u Korfù ma' Hellas. Dawn it-titjiriet kienu jifformaw parti minn vjaġġ kollox inkluż, fis-sens tad-Direttiva 90/314, li l-prezz tiegħu tħallas lil Hellas.

18. HQ *et* irċevew biljetti elettroniċi bil-logo ta' Aegean Airlines għal dawn it-titjiriet, previsti fis-17 u fl-24 ta' Lulju 2015, kif ukoll dokumenti li jsemmu lil Hellas bħala n-noleġġatur.

19. Fit-13 ta' Lulju 2015, Hellas bagħtet ittra lil HQ *et* li fiha din informathom li l-imsemmija titjiriet, kif ukoll it-titjiriet kollha minn u lejn Korfù, kienu kkanċellati, kemm minħabba n-numru limitat ta' riżervazzjonijiet kif ukoll minħabba kanċellazzjonijiet li rriżultaw mill-"inċertezza dwar il-qagħda tal-Greċja" dak iż-żmien. Barra minn hekk, din indikat li minkejja negozjati intensivi ma' Aegean Airlines, ma kinitx instabet soluzzjoni għall-passiġġieri/klijenti ta' Hellas.

20. F'ittra mingħajr data, Hellas ippreċiżat lil HQ *et* li, peress li ma kinitx iktar f'pożizzjoni li tosserva l-prezz miftiehem ma' Aegean Airlines, din tal-aħħar kienet iddeċidiet li ma tibqax tagħmel it-titjiriet mis-17 ta' Lulju 2015.

21. Fit-3 ta' Awwissu 2016, Hellas ġiet iddikjarata falluta. Din ma rrimborsatx il-prezz tal-biljetti tal-ajru lil HQ *et*.

22. Dawn tal-aħħar ippreżentaw rikors quddiem qorti tal-Pajjiżi l-Baxxi sabiex Aegean Airlines tiġi kkundannata tħallashom kumpens għall-kanċellazzjoni tat-titjira tas-17 ta' Lulju 2015 kif ukoll biex tirrimborsalhom il-biljetti relatati, minn naħa skont, rispettivament, l-Artikolu 5(1)(ċ) kif ukoll l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 261/2004 u, min-naħa l-oħra, l-Artikolu 8(1)(a) tiegħu.

23. Aegean Airlines opponiet dawn it-talbiet, billi invokat li r-Regolament Nru 261/2004 ma huwiex applikabbli f'ċirkustanzi bħal dawn, partikolarment fid-dawl tal-Artikolu 3(6) tiegħu.

24. Madankollu, permezz ta' deċiżjoni sommarja tal-14 ta' Novembru 2017, il-qorti ċaħdet din l-eċċezzjoni, minħabba li r-Regolament Nru 261/2004 ma japplikax għall-passiġġieri ta' vjaġġ kollox inkluż biss, skont l-imsemmija dispożizzjoni, jekk il-kanċellazzjoni ma tiddependix mir-rieda tat-trasportatur tal-ajru li jagħmel jew le t-titjira jew it-titjiriet li jagħmlu parti minn dan il-vjaġġ, liema ħaġa ma kinitx il-każ f'din il-kawża [5].

5 F'dan ir-rigward, din il-qorti qieset, minn naħa, li l-inizjattiva li tiġi kkanċellata t-titjira kienet ittieħdet minn Aegean Airlines, li manifestament kienet biss lesta li topera t-titjira jekk Hellas tħallasha l-prezz iffissat minn qabel, u, min-naħa l-oħra, li la kien sostnut u lanqas muri li Hellas kienet ħabbret il-kanċellazzjoni tal-vjaġġ kollox kompriż għal raġunijiet oħrajn għajr dik id-deċiżjoni ta' Aegean Airlines. Nenfasizza li, peress li din hija evalwazzjoni ta' natura fattwali, ser nitlaq mill-premessa tal-qorti tar-rinviju li tgħid li r-Regolament Nru 261/2004 huwa applikabbli fil-kawża prinċipali.

25. Għaldaqstant, skont ir-Regolament imsemmi, din il-qorti tat lil HQ *et* il-kumpens b'rata fissa li talbu minħabba l-kanċellazzjoni tat-titjira inkwistjoni[6]. Min-naħa l-oħra, hija ma ddeċidietx dwar it-talba intiża għar-rimbors tal-biljetti tal-ajru.

26. F'dan l-aħħar rigward, Aegean Airlines kienet sostniet fid-difiża tagħha li, anki jekk ir-Regolament Nru 261/2004 kellu jkun applikabbli f'dan il-każ, xorta kien jibqa' l-fatt li dan kien każ ta' vjaġġ kollox inkluż, b'mod li, skont l-Artikolu 8(2) ta' dan ir-regolament, hija ma kinitx obbligata tirrimborsa lil HQ *et* l-ammont li dawn kienu ħallsu lil Hellas, l-organizzatur tal-vjaġġ imsemmi, biex jixtru l-biljetti tal-ajru tagħhom.

27. F'dan il-kuntest, permezz ta' deċiżjoni tal-21 ta' Frar 2018, li waslet għand il-Qorti tal-Ġustizzja fl-1 ta' Marzu 2018, ir-rechtbank Noord-Nederland (il-Qorti Distrettwali ta' Noord-Nederland) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 għandu jiġi interpretat fis-sens li passiġġier li, skont id-Direttiva 90/[314]/KEE dwar il-vjaġġi kollox kompriż (trasposta fid-dritt nazzjonali), għandu d-dritt jirrikorri għand l-organizzatur tal-vjaġġ tiegħu sabiex jikseb rimbors tal-biljett tiegħu, ma jkunx jista' iktar jitlob rimbors mingħand it-trasportatur bl-ajru?

2) F'każ ta' risposta pożittiva għall-ewwel domanda, passiġġier jista' madankollu jitlob mingħand it-trasportatur bl-ajru r-rimbors tal-biljett tiegħu jekk ikun verosimili li l-organizzatur tal-vjaġġ, f'każ li dan jinstab responsabbli, ikun finanzjarjament inkapaċi li jirrimborsa l-biljett u li l-organizzatur tal-vjaġġi ma jkun adotta l-ebda miżura ta' garanzija sabiex jiggarantixxi r-rimbors?"

28. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja minn HQ *et*, minn Aegean Airlines, mill-Gvern Ċek u mill-Gvern Ġermaniż kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea. Matul is-seduta li nżammet fis-16 ta' Jannar 2019, instemgħu l-partijiet fil-kawża prinċipali, il-Gvern Ġermaniż u l-Kummissjoni.

IV. Analiżi

A. Fuq is-suġġett tad-domandi preliminari

29. Permezz taż-żewġ domandi preliminari tagħha, li fil-fehma tiegħi għandhom jiġu ttrattati flimkien fid-dawl tar-rabtiet mill-qrib li hemm bejniethom[7], il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, dwar ir-rabta bejn ir-Regolament Nru 261/2004, li jistabbilixxi sensiela ta' drittijiet minimi għall-passiġġieri b'mod speċjali f'każ ta' kanċellazzjoni ta' titjira[8], u d-Direttiva 90/314, li tapprossima d-dispożizzjonijiet tal-Istati Membri applikabbli fir-rigward tal-konsumaturi li xtraw vjaġġ kollox inkluż[9].

6 Nippreċiża li, skont applikazzjoni konġunta tal-imsemmija Artikolu 5(1)(ċ) u Artikolu 7(1)(b) fil-każ ta' kanċellazzjoni ta' titjira, il-passiġġieri kkonċernati għandhom jirċievu kumpens mingħand it-trasportatur tal-ajru effettiv b'rata fissa li l-ammont tiegħu huwa ffissat għal EUR 400 għat-titjiriet intra-Komunitarji kollha ta' iktar minn 1 500 kilometru, sakemm ma jkunux ġew informati dwarha fil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan il-punt (ċ).

7 Il-Gvern Ċek u l-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom, kif ukoll Aegean Airlines fis-sottomissjonijiet tagħha, ukoll ipproponew li tingħata risposta b'mod konġunt.

8 Nenfasizza li l-imsemmija domandi jirrigwardaw biss it-talbiet għar-*rimbors* tal-biljetti tal-ajru, peress li, fil-kuntest tal-kawża prinċipali, diġà ntlaqgħu t-talbiet għal *kumpens fil-forma ta' somma f'daqqa* bbażati fuq l-Artikolu 5(1)(ċ) u l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 261/2004, dispożizzjonijiet li l-qorti adita ddeċidiet li kienu tabilħaqq applikabbli f'dan il-każ (ara l-punti 22 sa 25 ta' dawn il-konklużjonijiet).

9 Suġġetti rispettivi li jirriżultaw, b'mod partikolari, mill-Artikolu 1 ta' kull wieħed minn dawn iż-żewġ strumenti.

30. B'mod iktar preċiż, din il-qorti tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja, għall-ewwel darba, sabiex tinterpreta l-Artikolu 8(2) tal-imsemmi regolament, li jipprovdi li r-*regola* stabbilita fil-paragrafu 1(a) ta' dan l-artikolu – li tgħid li passiġġier li t-titjira tiegħu ġiet ikkanċellata għandu jkun jista' jikseb mingħand it-trasportatur tal-ajru effettiv [10] kemm ir-rimbors tal-biljett tal-ajru [11] tiegħu u, jekk ikun meħtieġ, titjira lura għall-ewwel punt ta' tluq – għandhiex *tapplika wkoll "għal passiġġieri* li t-titjiriet tagħhom jifformaw parti minn *package, ħlief għad-dritt għal rimbors [*[12]*] fejn* dan id-dritt *iqum taħt id-Direttiva 90/314/KEE*" (enfasi miżjuda minni).

31. Il-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba tiddeċiedi, prinċipalment, jekk din id-dispożizzjoni tfissirx li l-passiġġier li rriżerva titjira li tifforma parti minn pakkett ta' vjaġġ kollox inkluż ikkanċellat u li għaldaqstant għandu d-dritt li jitlob lill-organizzatur tal-vjaġġ tiegħu [13] li jħallsu lura l-ammont kollu, skont id-Direttiva 90/314 [14], kif trasposta fil-liġi nazzjonali [15], ma għandu għalhekk l-ebda possibbiltà li jitlob rimbors tal-biljett tal-ajru tiegħu mingħand it-trasportatur tal-ajru abbażi tar-Regolament Nru 261/2004.

32. Jekk din l-interpretazzjoni tintlaqa', il-Qorti tal-Ġustizzja se jkollha tippreċiża wkoll, b'risposta għat-tieni domanda, sa fejn din ma tapplikax, madankollu, f'ċirkustanzi bħal dawk tal-kawża prinċipali, jiġifieri fl-ipoteżi speċifika fejn l-organizzatur ikkonċernat ma huwiex fil-prattika finanzjarjament kapaċi [16] jirrimborsa l-biljett [17] u ma ħa l-ebda miżura sabiex jiggarantixxi dan ir-rimbors.

33. Fid-dawl tal-osservazzjonijiet ippreżentati f'din il-kawża, ġew imressqa żewġ argumenti opposti f'dan ir-rigward. Skont l-ewwel argument, sostnut minn HQ *et* kif ukoll mill-Kummissjoni, passiġġier li xtara titjira li tagħmel parti minn vjaġġ kollox inkluż ikkanċellat għandu l-għażla li jitlob ir-rimbors tal-biljett tal-ajru tiegħu mingħand it-trasportatur tal-ajru effettiv, fuq il-bażi tar-Regolament Nru 261/2004, meta ma setax fil-fatt jikseb tali rimbors mingħand l-organizzatur tal-vjaġġ tiegħu, abbażi tad-dritt nazzjonali li jittrasponi d-Direttiva 90/314.

34. Min-naħa l-oħra, skont it-tieni argument, sostnut minn Aegean Airlines kif ukoll mill-Gvern Ċek u dak Ġermaniż, tali passiġġier ma għandux din il-fakultà ladarba għandu, fir-rigward tal-organizzatur tal-vjaġġ tiegħu, dritt għal rimbors riżultanti mid-Direttiva 90/314, inkluż fejn l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ma jipproduċix effetti konkreti minħabba nuqqas finanzjarju tal-organizzatur. Jiena naqbel ma' din it-tieni opinjoni, għar-raġunijiet li ġejjin.

10 Il-kunċett ta' "trasportatur tal-ajru li jopera" kif iddefinit fl-Artikolu 2(b) ta' dan ir-regolament. Ara wkoll is-sentenza tal-4 ta' Lulju 2018, Wirth *et* (C-532/17, EU:C:2018:527, punti 17 *et seq.*).

11 Rimbors li għandu jingħata skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-imsemmi subparagrafu (a) u fl-Artikolu 7(3) ta' dan l-istess regolament.

12 Fid-dawl ta' dan il-kliem tal-aħħar, jidhirli evidenti li, kuntrarjament għad-"dritt għar-rimbors" tal-biljett (li huwa l-uniku inkwistjoni f'dan il-każ), id-dritt għal "titjira lura għall-ewwel punt ta' tluq [tiegħu] inizjali" li huwa previst, bħala komplement, fit-tieni inċiż ta' dan l-Artikolu 8(1)(a), ma huwiex affettwat mill-eċċezzjoni stabbilita fit-tmiem tal-paragrafu 2 ta' dan l-istess artikolu. L-istess jgħodd għad-drittijiet għal "rotta differenti għad-destinazzjoni finali" imsemmija, bħala alternattiva, fil-punti (b) u (ċ) tal-imsemmi paragrafu 1.

13 Il-kunċetti ta' "pakkett" u "organizzatur" kif iddefiniti fl-Artikolu 2(1) u (2) tad-Direttiva 90/314, li għalih jirreferi l-Artikolu 2(d) u (e) tar-Regolament Nru 261/2004.

14 Skont l-Artikolu 4(6)(b) ta' din id-direttiva.

15 Id-Direttiva 90/314 ġiet trasposta fid-dritt tal-Pajjiżi l-Baxxi permezz tal-intestatura 7A, intitolata "Kuntratt tal-ivvjaġġar" tal-Ktieb 7 tal-Burgerlijk Wetboek (Kodiċi Ċivili). Il-paragrafu 3 tal-Artikolu 7:504 ta' dan il-kodiċi jippermetti lil passiġġier, fil-każ ta' terminazzjoni tal-kuntratt ta' vjaġġ mill-organizzatur tal-vjaġġi, li jitolbu, b'mod partikolari, ir-rimbors tal-prezz tal-biljetti tal-ajru.

16 B'mod iktar partikolari, f'dan il-każ, minħabba li dak l-organizzatur falla.

17 Anki jekk l-imsemmi organizzatur jitqies "responsabbli", skont il-premessa meħuda mill-qorti tar-rinviju skont it-tieni domanda preliminari tagħha.

B. Fuq l-interpretazzjoni rakkomandata tal-Artikolu 8(2) tar-Regolament Nru 261/2004

35. L-interpretazzjoni tal-Artikolu 8(2) tar-Regolament Nru 261/2004 li nipproponi li tiġi adottata, li twassal għal risposta affermattiva għall-ewwel domanda u risposta negattiva għat-tieni domanda, fil-fehma tiegħi hija konformi mal-kriterji kollha ta' evalwazzjoni li huma normalment applikati mill-Qorti tal-Ġustizzja [18] u li ser jintużaw iktar 'il quddiem.

1. Fuq il-formulazzjoni tad-dispożizzjonijiet ikkonċernati

36. Fil-fehma tiegħi, mill-kliem tal-imsemmi paragrafu 2 jirriżulta li *s-sempliċi eżistenza* ta' "dritt għal rimbors [li] iqum taħt id-Direttiva 90/314/KEE" *hija biżżejjed* fiha nnifisha biex il-passiġġier li jkollu vjaġġ kollox inkluż li ġie kkanċellat minħabba l-kanċellazzjoni ta' titjira [19] ma jkunx jista' jitlob rimbors tal-biljett tal-ajru tiegħu mingħand it-trasportatur tal-ajru li jopera skont dan ir-regolament.

37. Fil-fatt, fid-dawl tad-diversi verżjonijiet lingwistiċi tar-Regolament Nru 261/2004 minbarra l-verżjoni Franċiża [20], jidhirli li huwa ferm ċar li l-espressjoni msemmija iktar 'il fuq għandha tinftiehem fis-sens li huwa biżżejjed li l-persuna kkonċernata għandha d-dritt inkwistjoni taħt id-Direttiva 90/314, kif trasposta fl-ordinament ġuridiku tal-Istati Membri, u li ma huwiex determinanti li jkun magħruf jekk l-eżerċizzju ta' dan id-dritt iwassalx b'mod konkret biex jinkiseb ir-rimbors mixtieq [21]. Inqis li kieku l-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni li jagħti tifsira oħra lil dan il-paragrafu 2, mingħajr dubju ma kienx jonqos milli jkun iktar espliċitu, billi jispeċifika li r-Regolament Nru 261/2004 għandu jipproduċi l-effetti tiegħu meta d-dritt għar-rimbors riżultanti mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 90/314 ma jkunx seħħ fil-prattika. Issa, minflok ma eżiġa li l-imsemmi *rimbors ma jistax jinkiseb* bis-saħħa ta' din id-direttiva, għall-kuntrarju semma biss l-eżistenza ta' *dritt għar-rimbors* li jista' *jirriżulta* minnha, jekk il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti minnha jkunu ssodisfatti.

38. Barra minn hekk, xejn ma jindika fit-test tal-Artikolu 8(2) tar-Regolament Nru 261/2004, u lanqas f'dak ta' dispożizzjonijiet oħra ta' dan tal-aħħar [22], li l-awturi tiegħu riedu jirriżervaw il-każ ta' ċirkustanzi bħal dawk imsemmija fit-tieni domanda preliminari [23], b'tali mod li r-rimbors tal-biljett jista' jintalab mingħand it-trasportatur tal-ajru f'każ li l-organizzatur tal-vjaġġ kollox inkluż ma jkunx finanzjarjament kapaċi jwettaq dan ir-rimbors abbażi tad-Direttiva 90/314 u ma ħax miżuri ta' garanzija [24]. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax, taħt piena li tagħti interpretazzjoni wiesgħa wisq jew saħansitra *contra legem*, iżżid kriterji legali li ma kinux previsti u lanqas ikkunsidrati mil-leġiżlatur tal-Unjoni [25] ma' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

18 Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni għandha tiġi interpretata b'mod awtonomu u uniformi fl-Unjoni kollha, li jieħu inkunsiderazzjoni l-*kliem* ta' din id-dispożizzjoni, il-*kuntest* tagħha, l-*għanijiet* imfittxija mil-leġiżlazzjoni li minnha tagħmel parti kif ukoll l-*oriġini* ta' din il-leġiżlazzjoni (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-15 ta' Novembru 2018, Verbraucherzentrale Baden-Württemberg, C-330/17, EU:C:2018:916, punt 23, kif ukoll tas-17 ta' Jannar 2019, Brisch, C-102/18, EU:C:2019:34, punt 22).

19 Billi kif jindikaw kemm il-premessa 16 kif ukoll l-Artikolu 3(6) tar-Regolament Nru 261/2004, dan bl-ebda mod ma japplika meta l-vjaġġ kollox kompriż ikkonċernat ikun ġie "kkanċellat għal raġunijiet barra minn kanċellazzjoni tat-titjira".

20 B'mod partikolari, il-verżjonijiet bil-lingwa Spanjola ("cuando ese derecho se derive de la Directiva 90/314"), Daniża ("medmindre retten til refusion følger af direktiv 90/314"), Ġermaniża ("sofern dieser [Anspruch auf Erstattung] sich aus der Richtlinie 90/314 ergibt"), Ingliża ("where such right arises under Directive 90/314"), Taljana ("ad esclusione del diritto al rimborso qualora tale diritto sussista a norma della direttiva 90/314"), Olandiża ("indien dit recht bestaat krachtens Richtlijn 90/314"), Portugiża ("salvo quanto ao direito a reembolso quando este se constitua ao abrigo da Directiva 90/314") u Svediża ("om denna rättighet regleras i direktiv 90/314").

21 Aegean Airlines u l-Gvern Ġermaniż iqisu wkoll li l-formulazzjoni tal-Artikolu 8(2) tal-imsemmi regolament ftit li xejn tħalli spazju għal interpretazzjoni differenti. Skont il-Kummissjoni, "[i]nterpretazzjoni litterali tal-kliem f'[dan] il-paragrafu 2 twassal biex jingħad li s-sempliċi eżistenza tad-dritt għar-rimbors tal-biljett skont id-Direttiva 90/314 hija suffiċjenti sabiex tħassar id-dritt għar-rimbors tal-biljett skont ir-Regolament [Nru]261/2004" iżda approċċ teleoloġiku għandu, madankollu jwassal għall-konklużjoni opposta.

22 Billi ebda dispożizzjoni tal-imsemmi regolament ma tirreferi għall-possibbiltà ta' inkapaċità finanzjarja tal-interlokuturi tal-passiġġier li huma t-trasportatur tal-ajru u l-organizzatur tal-vjaġġ. Fuq il-kuntest tal-Artikolu 8(2) tiegħu, ara l-punti 48 *et seq*. ta' dawn il-konklużjonijiet.

23 Ninnota li HQ *et* kif ukoll il-Kummissjoni jsostnu rispettivament, fil-fehma tiegħi b'mod żbaljat, li l-passiġġier ma għandux jibqa' "b'idejh vojta" meta (ċertament) ma huwiex tort tiegħu f'dan il-każ u li "f'ċirkustanzi eċċezzjonali bħalma huma dawk ta' din il-kawża, ma jistax ikun li l-passiġġier ma jirċievi xejn finalment".

24 Nikkonstata li l-awturi tad-Direttiva 90/314, min-naħa l-oħra, fehmu b'mod espliċitu x-xenarju fejn l-organizzatur ifalli (f'dan ir-rigward, ara l-punt 55 ta' dawn il-konklużjonijiet).

25 F'dan ir-rigward, ara l-punt 47 ta' dawn il-konklużjonijiet.

39. Kif semmew Aegean Airlines u l-Gvern Ġermaniż fis-sottomissjonijiet orali tagħhom, għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja diġà għażlet interpretazzjoni usa' ta' dispożizzjonijiet oħrajn tar-Regolament Nru 261/2004 minn dak li kienet timplika *a priori*[26] t-tifsira letterali tagħhom, l-interpretazzjoni estensiva proposta minn HQ *et* kif ukoll mill-Kummissjoni f'din il-kawża hija, madankollu, kuntrarja għall-kliem tal-Artikolu 8(2) ta' dan ir-regolament, li fl-opinjoni tiegħi huwa ċar. Barra minn hekk, tali interpretazzjoni lanqas ma għandha l-effett potenzjalment pożittiv li timla xi lakuna eventwali tal-imsemmi regolament, moqri flimkien mad-Direttiva 90/314, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li ġejjin.

2. Fuq l-oriġini tad-dispożizzjonijiet ikkonċernati

40. L-interpretazzjoni li nissuġġerixxi li tadotta l-Qorti tal-Ġustizzja hija fl-opinjoni tiegħi kkonfermata mit-tagħlimiet meħuda mill-oriġini tar-Regolament Nru 261/2004.

41. Qabel kollox, infakkar li dan tal-aħħar ħa post *ir-Regolament (KEE) Nru 295/91*[27] li kien jirrigwarda biss l-imbark miċħud u li kien diġà jinkludi dispożizzjonijiet li jaġġustaw ir-rabta mad-Direttiva 90/314 – adottata ftit qablu – li jgħidu li f'każ ta' rifjut ta' imbark, l-operatur tal-vjaġġ kollox inkluż huwa obbligat li jikkumpensa lill-klijenti tiegħu għall-ksur tal-kuntratt tagħhom, bis-saħħa ta' din id-direttiva, iżda li t-trasportatur tal-ajru għandu eventwalment jikkumpensah[28].

42. Sussegwentement, nenfasizza li l-mod kif żviluppaw ix-*xogħlijiet preparatorji tar-Regolament Nru 261/2004*, fil-fehma tiegħi, jiżvela l-intenzjoni tal-leġiżlatur fir-rigward tal-kontenut tal-Artikolu 8(2) ta' dan l-istrument.

43. Fil-fatt, kif tinnota Aegean Airlines, l-ewwel proposta għal regolament ippreżentata mill-Kummissjoni kienet tipprovdi għall-applikazzjoni sħiħa tiegħu għall-passiġġieri li t-titjira tagħhom tifforma parti minn vjaġġ kollox inkluż[29]. Il-Parlament Ewropew oġġezzjona għall-inklużjoni ta' dawn il-passiġġieri fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament futur, minħabba li dawn kienu diġà jgawdu minn protezzjoni xierqa skont id-Direttiva 90/314, li żżomm lill-organizzaturi tal-vjaġġi responsabbli għall-implimentazzjoni ġusta tal-pakkett kollox inkluż[30], inkluż tat-trasport bl-ajru[31]. Fil-proposta emendata tagħha, il-Kummissjoni madankollu sostniet il-pożizzjoni oriġinali tagħha, billi argumentat li

26 B'mod partikolari fis-sentenza tad-19 ta' Novembru 2009, Sturgeon *et* (C-402/07 u C-432/07, EU:C:2009:716, punti 40 sa 69), li ġiet ikkontestata minn ċerti osservaturi. Fuq din is-sentenza u l-ġurisprudenza li ssuċċedietha, ara, *inter alia*, Cachard, O., *Le transport international aérien des passagers*, Académie de droit international de La Haye, Adi-Poche, Den Haag, 2015, punti 283 *et seq*., kif ukoll Malenovský, J., "Regulation 261: Three Major Issues in the Case Law of the Court of Justice of the EU", *Air Passenger Rights – Ten Years On*, taħt id-direzzjoni ta' Bobek, M., u Prassl, J., Hart Publishing, Oxford, 2016, p. 27 *et seq*.

27 Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 295/91 tal-4 ta' Frar 1991 li jistabbilixxi regoli komuni għal sistema ta' kumpens għal imbark miċħud fit-trasport bl-ajru skedat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 1, p. 306).

28 L-Artikolu 5(1) tar-Regolament Nru 295/91 kien jgħid: "[f]l-eventwalità ta' ċaħda ta' imbark fuq kull titjira mibjugħa bħala kull parti minn package tour, it-trasportatur bl-ajru hu obbligat li jikkumpensa lill-operatur tal-vjaġġ [li jkun organizza l-vjaġġ] li jkun għamel kull kuntratt mal-passiġġier u li jkun suġġett lejh biex il-kuntratt ikun onorat kif suppost għar-rigward ta' l-imsemmi package tour b'mod konformi mad-Direttiva tal-Kunsill 90/314/KEE", u fil-paragrafu 2 jgħid: "[m]ingħajr preġudizzju għall-jeddijiet u obbligazzjonijiet li jinsabu f'[din id-direttiva], l-operatur tal-vjaġġ hu obbligat li jgħaddi lill-passiġġier is-somma miġbura skond il-paragrafu 1".

29 Ara l-proposta tal-21 ta' Diċembru 2001, COM(2001) 784 finali, punt 19 tal-Memorandum ta' Spjegazzjoni, il-premessi 10 u 11 (li tgħid li "[p]eress li l-organizzaturi tal-ivvjaġġar huma ġeneralment responsabbli għad-deċiżjonijiet kummerċjali dwar il-vjaġġi […] kollox kompriż, huma għandhom ikunu responsabbli għall-kumpens […] tal-passiġġieri fuq titjiriet li jiffurmaw parti minn dawn il-vjaġġi […] fil-każ ta' annullament […] ta' titjira") [traduzzjoni mhux uffiċjali], kif ukoll l-Artikolu 3(1).

30 Nippreċiża li, skont l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 90/314, l-organizzaturi jistgħu madankollu jieħdu azzjoni legali kontra l-fornituri tas-servizzi l-oħrajn responsabbli mill-eżekuzzjoni tal-kuntratt. Ara wkoll il-premessa 36 *in fine* u l-Artikolu 22 tad-Direttiva 2015/2302.

31 Ara, b'mod partikolari, l-emendi 2, 3 u 15 kif ukoll il-ġustifikazzjonijiet tagħhom li jinsabu fir-rapport tat-12 ta' Settembru 2002 dwar il-proposta msemmija iktar 'il fuq (A5-0298/2002), adottati mill-Parlament fl-24 ta' Ottubru 2002 (pożizzjoni fl-ewwel qari, ĠU 2003, C 300, p. 557).

l-protezzjoni mogħtija minn dik id-direttiva ma kinitx ekwivalenti, peress li ma kinitx tagħti drittijiet "awtomatiċi" lill-passiġġieri [32]. Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għażel it-triq tan-nofs bejn dawk proposti mill-Kummissjoni u mill-Parlament [33], li aċċettaw li jaqblu fuq dan il-kompromess, billi qiesu li dan kien jippermetti li jintlaħqu l-għanijiet tal-proposti rispettivi tagħhom [34].

44. Fil-fehma tiegħi, minn dawn l-elementi jirriżulta li l-awturi tal-aħħar verżjoni tar-Regolament Nru 261/2004 ma riduxjeskludu totalment mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu lill-passiġġieri li jivvjaġġaw kollox inkluż, iżda riedu jżommu fir-rigward tagħhom l-effetti tas-sistema protettiva biżżejjed li kienet ġiet stabbilita preċedentement mid-Direttiva 90/314. F'dan ir-rigward, naqbel mal-opinjoni ta' Aegean Airlines li tgħid li l-oġġezzjonijiet li kienu saru fil-proposta emendata tal-Kummissjoni [35] ma kinux fondati. Fil-fatt, din id-direttiva, bħar-Regolament Nru 261/2004, tistabbilixxi drittijiet li għandhom jiġu applikati mingħajr il-bżonn ta' azzjoni legali biex jintalab ir-rispett tagħhom, sakemm id-debitur ma jirrifjutax li jikkonforma magħha.

45. B'mod iktar partikolari, rigward il-kanċellazzjoni ta' vjaġġ kollox inkluż dovut għall-kanċellazzjoni ta' titjira u tad-dritt għar-rimbors tal-biljett tal-ajru li jista' jirriżulta minnha, it-test finali jaqbel mal-linji proposti mill-Parlament, peress li l-leġiżlatur ikkunsidra li l-interessi tal-passiġġieri li jkunu xtraw tali vjaġġ kienu salvagwardjati biżżejjed mid-Direttiva 90/314, billi l-mekkaniżmi ta' protezzjoni previsti minn din tal-aħħar huma previsti li jaħdmu korrettement fl-Istati Membri [36]. Għaldaqstant, fil-fehma tiegħi, mill-Artikolu 8(2) tal-imsemmi regolament jirriżulta li l-paragrafu 1(a) ta' dak l-artikolu huwa applikabbli għal passiġġieri bħal dawn sa fejn jippermettilhom jiksbu, minn naħa, titjira lura lejn il-punt ta' tluq, jekk ikun hemm bżonn u, min-naħa l-oħra, ir-rimbors tal-biljett tal-ajru tagħhom, iżda sakemm id-dritt għar-rimbors ma jkunx diġà rriżulta mid-Direttiva 90/314, jiġifieri f'każ biss fejn il-kundizzjonijiet stabbiliti minn din tal-aħħar ma jkunux issodisfatti biex jinħoloq dan id-dritt.

46. Barra minn hekk, inqis li l-approċċ propost hawnhekk ma jmurx kontra l-prinċipju ta' trattament ugwali [37], li l-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet għalih f'deċiżjonijiet dwar l-interpretazzjoni ta' dispożizzjonijiet oħra tar-Regolament Nru 261/2004 [38], b'kont meħud tal-għażliet li saru b'mod leġittimu mil-leġiżlatur tal-Unjoni f'dak li jikkonċerna r-relazzjoni bejn dan ir-regolament u d-Direttiva 90/314. Dan il-leġiżlatur iddeċieda li l-persuni li għandhom vjaġġ kollox inkluż għandhom fil-prinċipju jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmi regolament, iżda madankollu jkunu suġġetti għal arranġamenti speċifiċi [39]. Barra minn hekk, il-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tal-prinċipju ta' ugwaljanza ma humiex, fil-fehma tiegħi, issodisfatti f'dan il-każ, peress li l-passiġġieri li xtraw titjira fil-kuntest ta' vjaġġ kollox inkluż ma humiex oġġettivament f'sitwazzjoni paragunabbli għal dik ta' passiġġieri li jkunu xtraw l-istess titjira iżda barra minn dan il-pakkett, li skont id-definizzjoni din tgħaqqad diversi provvisti ta' servizzi.

32 Proposta tal-4 ta' Diċembru 2002, COM(2002) 717 final, Memorandum ta' Spjegazzjoni, punt 2, li jgħid li "ir-Regolament propost jagħti lill-passiġġieri drittijiet preċiżi, awtomatiċi, li jkunu jistgħu jgawdu minnhom immedjatament, mingħajr ma jirrikorru għall-qrati. Xejn ma jiġġustifika li tingħata protezzjoni differenti lil passiġġieri li jaffaċċjaw problemi simili" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

33 Ara l-Pożizzjoni Komuni adottata fit-18 ta' Marzu 2003 u l-Memorandum ta' Spjegazzjoni (ĠU 2003, C 125 E, p. 63).

34 Ara l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-25 ta' Marzu 2003, SEC(2003) 361 finali, p. 3, 6 u 7, kif ukoll il-pożizzjoni tal-Parlament fit-tieni qari tat-3 ta' Lulju 2003 (ĠU 2004, C 74E, p. 807), li ma tinkludix l-esklużjoni tal-passiġġieri li jivvjaġġaw kollox kompriż li kienet reġgħet ġiet irrakkomandata mir-rapporteur tiegħu fit-13 ta' Ġunju 2003 (Rapport A5-0221/2003, emendi 1 u 9).

35 Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 32 ta' dawn il-konklużjonijiet.

36 Fuq id-dritt għar-rimbors ta' vjaġġ kollox inkluż u s-sistema ta' salvagwardji relatata miegħu li ġew stabbiliti minn din id-direttiva, ara l-punti 54 *et seq*. ta' dawn il-konklużjonijiet.

37 Prinċipju, imsemmi b'mod impliċitu fil-proposta emendata tal-Kummissjoni msemmija iktar 'il fuq (nota ta' qiegħ il-paġna 32), u b'mod espliċitu minn HQ *et* kemm quddiem il-qorti tar-rinviju kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li jgħid li sitwazzjonijiet paragunabbli ma għandhomx jiġu ttrattati b'mod differenti u sitwazzjonijiet differenti ma għandhomx jiġu ttrattati b'mod ugwali, sakemm tali trattament ma jkunx oġġettivament iġġustifikat.

38 Ara s-sentenzi tad-19 ta' Novembru 2009, Sturgeon *et* (C-402/07 u C-432/07, EU:C:2009:716, punti 58 *et seq*.); tat-23 ta' Ottubru 2012, Nelson *et* (C-581/10 u C-629/10, EU:C:2012:657, punti 33 *et seq*.); kif ukoll tas-7 ta' Settembru 2017, Bossen *et*, (C-559/16, EU:C:2017:644, punti 19 *et seq*.); kif ukoll id-digriet tal-5 ta' Ottubru 2016, Wunderlich (C-32/16, EU:C:2016:753, punti 21 *et seq*.).

39 F'dan ir-rigward, ara l-punt 52 ta' dawn il-konklużjonijiet.

47. Finalment, ninnota li, matul l-imsemmija xogħlijiet preparatorji, bl-ebda mod ma ġie kkunsidrat li jkun hemm riżerva, fir-regolament ineżami, f'dak li jirrigwarda l-ipoteżijiet – imsemmija fit-tieni domanda preliminari – fejn l-organizzatur ta' vjaġġi ma jkunx f'qagħda finanzjarja li jirrimborsa lill-klijent tiegħu u ma ħax miżuri ta' garanzija għal dan il-għan.

3. Fuq il-kuntest tad-dispożizzjonijiet ikkonċernati

48. L-Artikolu 8(2) tar-Regolament Nru 261/2004 jagħmel parti minn kuntest partikolari, kemm f'dan ir-regolament kif ukoll fid-dawl tal-istandards ta' madwaru, li jikkorrobora l-interpretazzjoni li qiegħed nipproponi.

49. *Fl-ewwel lok*, il-Kummissjoni targumenta li dan l-Artikolu 8(2) jidderoga mill-prinċipju li jgħid li t-trasportatur tal-ajru huwa obbligat iħallas kumpens lill-passiġġieri u li jipprovdilhom assistenza fil-kundizzjonijiet stabbiliti mir-*Regolament Nru 261/2004*, b'tali mod li għandu jiġi interpretat b'mod strett, kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward ta' dispożizzjonijiet oħra ta' dan l-istrument [40].

50. Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li l-leġiżlatur tal-Unjoni nnifsu fformula din id-dispożizzjoni b'mod li l-portata tagħha diġà hija strettament limitata, peress li l-eċċezzjoni msemmija fiha hija limitata għad-dritt għar-rimbors previst fl-ewwel inċiż tal-paragrafu 1(a) ta' dan l-istess Artikolu [41]. Barra minn hekk, l-imsemmi Artikolu 8(2) għandu għan speċifiku, li jiddistingwih fil-fehma tiegħi minn dispożizzjonijiet oħrajn tar-Regolament Nru 261/2004 diġà interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja, peress li għandu l-għan li jiżgura rabta adegwata ta' dan mad-Direttiva 90/314 u, b'mod iktar konkret, li jalloka r-responsabbiltà ta' dan ir-rimbors jew lit-trasportatur tal-ajru jew lill-operatur tal-vjaġġi skont il-każ. Finalment, l-interpretazzjoni stretta ta' dispożizzjoni ma tistax timplika li għandhom jiġu interpretati kundizzjonijiet mhux speċifikati fiha.

51. Għaldaqstant, fil-fehma tiegħi, min-natura derogatorja ta' dan il-paragrafu 2 ma jistax jiġi direttament dedott li t-trasportatur tal-ajru għandu jikkumpensa lill-passiġġier li għandu vjaġġ kollox inkluż f'każ li l-organizzatur ta' dan il-vjaġġ ma għamilx dan skont id-Direttiva 90/314. Għall-kuntrarju, kieku l-leġiżlatur ried li tali obbligu ta' garanzija jkun responsabbiltà tat-trasportaturi tal-ajru, minbarra l-obbligi diġà imposti fuq l-organizzatur tal-vjaġġ minn din id-direttiva, kien ċertament jindika dan b'mod espliċitu f'dak ir-regolament.

52. Din il-perspettiva hija msaħħa, fil-fehma tiegħi, mill-kontenut tad-dispożizzjoni l-oħra tar-Regolament Nru 261/2004 li tirrigwarda l-kombinazzjoni bejn dan l-istrument u d-Direttiva 90/314, jiġifieri l-Artikolu 3(6) tal-imsemmi regolament [42]. Fil-fatt, dan il-paragrafu jgħid, minn naħa, li r-Regolament Nru 261/2004 ma jaffettwax id-drittijiet li l-passiġġieri li jkunu xtraw vjaġġ kollox inkluż ikollhom taħt dik id-direttiva u, min-naħa l-oħra, li ma għandux japplika f'każijiet fejn il-vjaġġ inkwistjoni jkun ikkanċellat għal raġunijiet oħra barra l-kanċellazzjoni tat-titjira kkonċernata [43]. Jidhirli li l-leġiżlatur tal-Unjoni ried jagħti ċerta prijorità lid-Direttiva 90/314, anki jekk ir-Regolament Nru 261/2004 japplika b'mod parallel fir-rigward ta' tali passiġġieri, fil-limiti definiti.

40 Ara s-sentenza tat-22 ta' Diċembru 2008, Wallentin-Hermann (C-549/07, EU:C:2008:771, punt 20), iċċitata mill-Kummissjoni, kif ukoll id-digriet tal-14 ta' Novembru 2014, Siewert (C-394/14, EU:C:2014:2377, punt 17), u s-sentenza tas-17 ta' Settembru 2015, van der Lans, (C-257/14, EU:C:2015:618, punti 35 u 45), li kollha jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 261/2004.

41 Ara, ukoll, in-nota ta' qiegħ il-paġna 12 ta' dawn il-konklużjonijiet.

42 Ninnota li HQ *et* jisiltu argument, barra minn hekk, mill-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 261/2004, li jipprovdi li, meta trasportatur tal-ajru jħallas kumpens (bħal kumpens f'somma f'daqqa dovuta taħt l-Artikolu 7 tiegħu) jew jissodisfa l-obbligi l-oħra tiegħu skont dan ir-regolament, dan jista' mbagħad jitlob kumpens, b'mod partikolari, lill-operatur tal-vjaġġi li miegħu jkun ikkonkluda kuntratt. Madankollu, nikkunsidra li din id-dispożizzjoni ma taffettwax ir-relazzjoni tal-imsemmi regolament mad-Direttiva 90/314.

43 Infakkar li din it-tieni regola tissemma wkoll fil-premessa 16 ta' dak ir-regolament.

53. *Fit-tieni lok*, fid-dawl tal-għan speċifiku tiegħu msemmi iktar ’il fuq, l-Artikolu 8(2) tar-Regolament Nru 261/2004 għandu fl-opinjoni tiegħi jiġi interpretat, mil-lat kuntestwali, mhux billi wieħed jillimita ruħu għall-eżami tad-dispożizzjonijiet l-oħra ta’ dan ir-regolament, iżda billi jittieħed inkunsiderazzjoni wkoll il-kontenut tal-istrument l-ieħor imsemmi f’din id-dispożizzjoni, jiġifieri, billi jittieħed debitament inkunsiderazzjoni l-*kontenut tad-Direttiva 90/314*.

54. Madankollu, din id-direttiva tipprevedi, fl-Artikolu 4(6)(b) tagħha, skema speċifika li fil-kuntest tagħha, meta l-organizzatur ta’ vjaġġ kollox inkluż jikkanċella l-vjaġġ qabel it-tluq miftiehem, tkun xi tkun ir-raġuni, il-konsumatur li xtara l-vjaġġ ikkonċernat għandu d-dritt li “jitħallas lura malajr kemm jista’ jkun s-somom kollha li jkun ħallas skond il-kuntratt” konkluż ma’ dan in-negozjant [44]. Dan ir-rimbors għandu jinkludi, fost l-oħrajn, il-prezz ta’ biljetti tal-ajru.

55. Barra minn hekk u fuq kollox, id-Direttiva 90/314 diġà tinkludi fl-Artikolu 7 tagħha, rekwiżiti speċifiċi biex jiġi żgurat li r-rimbors previst minn din id-direttiva jitħallas anki f’każ li l-organizzatur tal-vjaġġ ikun insolventi jew ifalli [45]. F’każ li dan tal-aħħar jonqos mill-obbligi tiegħu taħt l-imsemmi Artikolu 7, xejn ma jiġġustifika li l-garanziji previsti jiġu imposti fuq it-trasportatur tal-ajru billi dan tal-aħħar jiġi mġiegħel jirrimborsa l-biljetti tal-ajru tal-klijenti tal-operatur ikkonċernat. Nenfasizza li, jekk tiġi implimentata korrettement fl-Istati Membri, din is-sistema ta’ garanzija kif prevista tipproteġi lill-vjaġġaturi b’mod partikolari [46]. Dawn id-dispożizzjonijiet huma obbligatorji, anki jekk ma humiex akkumpanjati minn sanzjonijiet, u fil-fehma tiegħi għandhom jiġu osservati, mill-organizzatur tal-vjaġġi, taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti [47]. Jekk jirriżulta li l-awtoritajiet ta’ Stat Membru ma ħadux il-miżuri kollha meħtieġa minn din id-direttiva biex dan id-dritt għar-rimbors ikun tabilħaqq effettiv [48], ma jistax jiġi eskluż li titqajjem ir-responsabbiltà ta’ dan l-Istat [49].

56. Għalhekk, fid-dawl tad-Direttiva 90/314, jidhirli li l-kwistjoni tal-insolvenza jew il-falliment eventwali tal-organizzatur tal-vjaġġi taqa’ biss fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ din id-direttiva, u mhux f’dak tar-Regolament Nru 261/2004, li huwa kkonfermat ukoll b’mod espliċitu mid-direttiva l-ġdida dwar il-pakketti tal-ivvjaġġar [50]. Iċ-ċirkustanzi msemmija fit-tieni domanda preliminari ma jistgħux għalhekk jiġġustifikaw li, fil-każ speċifiku msemmi mill-qorti tar-rinviju, it-trasportatur tal-ajru huwa obbligat jirrimborsa l-biljett tal-ajru tiegħu lil passiġġier li għandu vjaġġ kollox inkluż li ma kisibx dan ir-rimbors mingħand l-organizzatur ta’ dak il-vjaġġ.

44 Għajr jekk il-kanċellazzjoni tkun dovuta għal nuqqas min-naħa tal-konsumatur.

45 Il-wieħed u għoxrin premessa u l-Artikolu 7 ta’ din id-direttiva jipprovdu li l-organizzatur tal-vjaġġi għandu jipprovdi garanziji suffiċjenti sabiex jiżgura, fil-każ ta’ insolvenza jew ta’ falliment, ir-rimbors tal-fondi mħallsa. Bl-istess mod, il-paragrafu 1 tal-Artikolu 7:512 tal-Kodiċi Ċivili Olandiż jimponi lil kull organizzatur tal-vjaġġi sabiex jieħu minn qabel il-miżuri neċessarji biex jiżgura li, jekk ma jkunx jista’ jkompli jissodisfa l-obbligi tiegħu fil-konfront tal-vjaġġatur f’każ ta’ insolvenza, dawn jiġu assunti minn parti terza jew jiġi rimborsat il-prezz tal-vjaġġ.

46 Peress li din is-sistema ma għandhiex ekwivalenti f’oqsma oħra tal-liġi tal-konsumatur.

47 Nenfasizza li s-sitwazzjoni li kellhom jaffaċċjaw il-konsumaturi f’dan il-każ ma hijiex dovuta għal lakuna fis-sistema stabbilita mid-Direttiva 90/314, li jeħtieġ li tiġi rimedjata permezz tar-Regolament Nru 261/2004, iżda għall-fatt li l-organizzatur tal-vjaġġi naqas milli jissodisfa l-obbligi legali tiegħu, li l-Istati Membri għandhom jieħdu ħsieb li jiġu osservati.

48 Billi l-Qorti tal-Ġustizzja interpretat l-Artikolu 7 tad-Direttiva 90/314 fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li l-modalitajiet tagħha ma jiggarantixxux effettivament lill-konsumatur ir-rimbors tal-flus kollha li jkun ħallas f’każ ta’ insolvenza jew ta’ falliment tal-organizzatur tal-vjaġġi (ara, b’mod partikolari, is-sentenza tal-15 ta’ Ġunju 1999, Rechberger *et*, C-140/97, EU:C:1999:306, punti 64 sa 66 u 74 sa 77, kif ukoll id-digriet tas-16 ta’ Jannar 2014, Baradics *et*, C-430/13, EU:C:2014:32, punti 32 sa 38).

49 Dwar il-kawżi għad-danni li jistgħu jitressqu minn individwi kontra Stat Membru, ara, b’mod partikolari, is-sentenzi tal-14 ta’ Marzu 2013, Leth (C-420/11, EU:C:2013:166, punti 41 *et seq.*); tat-3 ta’ Settembru 2014, X (C-318/13, EU:C:2014:2133, punti 42 *et seq.*); kif ukoll tal-4 ta’ Ottubru 2018, Kantarev (C-571/16, EU:C:2018:807, punti 92 *et seq.*).

50 Ara l-premessi 1 u 38 sa 44 kif ukoll l-Artikoli 17 sa 18 tad-Direttiva 2015/2302, li l-kontenut tagħha jipprovdi kjarifiki interessanti, anki jekk ma hijiex applikabbli f’dan il-każ.

4. Fuq l-għanijiet tad-dispożizzjonijiet ikkonċernati

57. Minkejja l-ilmenti magħmula f'dan is-sens minn HQ *et* u mill-Kummissjoni, inqis li l-interpretazzjoni proposta hawn ma hijiex f'kunflitt mal-għanijiet imfittxija mid-dispożizzjonijiet rilevanti, fid-dawl kemm tal-għanijiet ġenerali tar-Regolament Nru 261/2004 kif ukoll tal-għanijiet speċifiċi tal-Artikolu 8(2) tiegħu.

58. Huwa minnu li, kif jindika l-preambolu tiegħu [51], dan ir-regolament għandu bħala *għan ġenerali* li jiżgura protezzjoni ta' livell għoli lill-passiġġieri li japplika għalihom, intiża biex tirrimedja l-inkonvenjenzi serji għal dawn il-persuni, b'mod partikolari, wara l-kanċellazzjoni ta' titjira. Il-Qorti tal-Ġustizzja bbażat ruħha diversi drabi fuq dan l-għan, b'mod partikolari sabiex tiġġustifika interpretazzjoni wiesgħa tad-drittijiet irrikonoxxuti lil dawn il-passiġġieri [52].

59. Madankollu, kif diġà ddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, ir-Regolament Nru 261/2004 jservi wkoll għan ieħor, li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni, jiġifieri dak li jiżgura bilanċ bejn l-interessi tal-passiġġieri protetti u dawk tat-trasportaturi tal-ajru [53]. Madankollu, anki jekk il-leġiżlatur tal-Unjoni għażel li jagħti rwol ċentrali lit-trasportatur tal-ajru li jopera fl-ikkompensar u fl-assistenza li huma intitolati għalihom il-passiġġieri, b'mod partikolari f'każ ta' kanċellazzjoni ta' titjira [54], dan xorta ma jfissirx li t-trasportatur għandu jġorr il-piż finanzjarju tagħhom waħdu f'kull każ.

60. B'mod partikolari, fil-każ ta' kanċellazzjoni ta' titjira li tagħmel parti minn vjaġġ kollox inkluż, inqis li r-responsabbiltà inerenti għaliha u l-ispejjeż relatati għandhom jinqasmu bejn l-organizzatur tal-vjaġġ u t-trasportatur tal-ajru skont l-obbligi rispettivi tagħhom, kif jirriżultaw mhux biss mid-dispożizzjonijiet applikabbli tad-Direttiva 90/314 jew tar-Regolament Nru 261/2004, iżda wkoll mill-impenji meħuda fil-kuntratti konklużi bejn l-organizzatur tal-vjaġġ u l-klijent tiegħu minn naħa, u bejn dak l-organizzatur u t-trasportatur tal-ajru, min-naħa l-oħra [55].

61. F'kull każ, fil-fehma tiegħi ma teżisti l-ebda bażi legali, u lanqas ma hemm raġuni oġġettiva, biex il-garanzija għall-falliment ta' dak l-organizzatur, fil-prattika, titqiegħed taħt ir-responsabbiltà tat-trasportatur tal-ajru billi jkun impost fuqu li jirrimborsa lill-passiġġier li għandu vjaġġ kollox inkluż f'każ bħal dan, u dan wisq inqas peress li, kif diġà enfasizzajt, id-Direttiva 90/314 fiha dispożizzjonijiet li jippermettu preċiżament li jiġu solvuti tali problemi jekk jiġu osservati [56].

62. Barra minn hekk, it-teħid inkunsiderazzjoni tal-għan ta' protezzjoni tal-passiġġieri msemmi, b'mod ġenerali, mir-Regolament Nru 261/2004 ma jistax iwassal lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tagħżel interpretazzjoni tal-Artikolu 8(2) tiegħu li ma hijiex konformi mal-kliem u mal-*għan speċifiku* ta' din id-dispożizzjoni.

51 Ara l-premessi 1 sa 6 tar-Regolament Nru 261/2004.

52 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-4 ta' Ottubru 2012, Finnair (C-22/11, EU:C:2012:604, punti 23 u 34); tal-4 ta' Ottubru 2012, Rodríguez Cachafeiro u Martínez-Reboredo Varela-Villamor (C-321/11, EU:C:2012:609, punti 25 u 33); tat-23 ta' Ottubru 2012, Nelson *et* (C-581/10 u C-629/10, EU:C:2012:657, punti 37 u 38 kif ukoll 74 *et seq.*); tal-31 ta' Jannar 2013, McDonagh (C-12/11, EU:C:2013:43, punti 47 *et seq.*); kif ukoll tat-22 ta' Ġunju 2016, Mennens (C-255/15, EU:C:2016:472, punti 26 *et seq.*).

53 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tad-19 ta' Novembru 2009, Sturgeon *et* (C-402/07 u C-432/07, EU:C:2009:716, punt 67); tat-23 ta' Ottubru 2012, Nelson *et* (C-581/10 u C-629/10, EU:C:2012:657, punt 39); kif ukoll tat-12 ta' Settembru 2018, Harms (C-601/17, EU:C:2018:702, punt 15).

54 Skont l-Artikoli 5 u 8 tar-Regolament Nru 261/2004. Fil-paġna 3 tal-Komunikazzjoni tagħha msemmija iktar 'il fuq (nota ta' qiegħ il-paġna 34), il-Kummissjoni osservat li "[d]in hija soluzzjoni prattika, peress li t-trasportatur attwali tat-titjira ġeneralment ikun fl-aħjar pożizzjoni biex jiżgura li t-titjiriet isiru skont l-iskeda, u jkollu persunal u uffiċjali fl-ajruporti biex jgħinu lill-passiġġieri. Hija wkoll sistema diretta u sempliċi u, għalhekk tinftiehem faċilment mill-passiġġieri" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

55 Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-11 ta' Mejju 2017, Krijgsman (C-302/16, EU:C:2017:359, punti 25 *et seq.*), fejn jitqies li t-trasportatur tal-ajru li jopera għandu jikkumpensa lil passiġġier li xtara titjira permezz ta' aġenzija tal-ivvjaġġar, anki jekk it-trasportatur informa fi żmien xieraq lil dan l-aġent dwar il-bidla fl-iskeda tat-titjira u dan informa lill-passiġġier dwar dan wara ż-żmien, iżda fejn huwa mfakkar ukoll li, skont l-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 261/2004, it-trasportatur jista' jitlob kumpens mingħand kull persuna li huwa kkonkluda kuntratt magħha.

56 Ara l-punt 55 ta' dawn il-konklużjonijiet. Matul is-seduta, Aegean Airlines enfasizzat, ġustament, li l-interpretazzjoni proposta minn HQ *et* u mill-Kummissjoni tista' saħansitra tmur kontra l-interess tal-konsumaturi, billi l-organizzaturi tal-vjaġġi ma jibqax ikollhom inċentiv biex jieħdu l-garanziji meħtieġa mid-Direttiva 90/314, jekk ikunu jafu li t-trasportaturi tal-ajru se jkunu obbligati jpattu għan-nuqqas tagħhom abbażi tar-Regolament Nru 261/2004.

63. F'dan l-aħħar rigward, nikkunsidra li l-imsemmi Artikolu 8(2) għandu l-għan partikolari li jagħmel rabta xierqa bejn ir-Regolament Nru 261/2004 u d-Direttiva 90/314 sabiex jiġi ppreżervat il-kamp ta' applikazzjoni ta' kull wieħed minn dawn l-istrumenti protettivi, filwaqt li jipprevjeni li l-konsumaturi kkonċernati jibbenefikaw minn prerogattivi li, minħabba l-possibbiltà ta' akkumulazzjoni ta' regoli, jistgħu jkunu eċċessivi.

64. Il-ħsieb li jiġi evitat li passiġġier li jbati minn preġudizzju jkun protett iżżejjed minn applikazzjoni kumulattiva tad-drittijiet offruti minn dan ir-regolament u minn din id-direttiva jirriżulta wkoll minn komunikazzjoni mill-Kummissjoni, li ssemmi b'mod partikolari l-mod xieraq kif l-imsemmi regolament għandu jiġi kkombinat flimkien mad-direttiva l-ġdida dwar il-vjaġġi kollox kompriż [57], filwaqt li tinnota li din tal-aħħar teskludi espressament kwalunkwe "kumpens żejjed" f'każ ta' kumpens lil vjaġġatur [58].

65. Fl-istess spirtu, inqis li passiġġier ma għandu qatt ikun jista' jikseb rimbors doppju tal-biljett tal-ajru tiegħu, fil-każ ta' kanċellazzjoni tal-vjaġġ kollox inkluż tiegħu, billi jkollu l-possibbiltà li jagħżel li jibbaża ruħu jew fuq id-Direttiva 90/314 u/jew fuq ir-Regolament Nru 261/2004. Għaldaqstant, jekk il-persuna kkonċernata tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex tikkwalifika għal rimbors skont din id-direttiva, ma tistax fil-fehma tiegħi tippretendi li tkun eliġibbli wkoll taħt dan ir-regolament, anki jekk l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ma jitwettaqx b'mod konkret, bħal f'dan il-każ, minħabba n-nuqqas tal-uniku debitur li huwa l-organizzatur tal-vjaġġ, waqt li jiġi osservat li tali periklu ekonomiku jibqa' dejjem possibbli [59] u waqt li jitfakkar li l-Artikolu 7 tal-imsemmija direttiva diġà għandu l-għan li jevita li konsumatur ma jirċievi l-ebda rimbors fil-każijiet imsemmija.

66. Fl-aħħar nett, għall-kompletezza, ninnota li l-interpretazzjoni proposta hawnhekk hija konformi ma' kunsiderazzjonijiet prattiċi, li ma jistgħux jiġu injorati kompletament. Kif sostnew Aegean Airlines u l-Gvern Ġermaniż, kieku kellu jiġi deċiż li t-trasportatur tal-ajru li jopera għandu jirrimborsa l-biljett tal-ajru ta' passiġġier li jkun xtrah mingħand terz bħala parti minn vjaġġ kollox inkluż, ġeneralment ikun diffiċli ħafna, jekk mhux impossibbli, li wieħed ikun jaf l-ammont li għandu jitħallas. Fil-fatt, peress li l-prezz tat-titjira jkun inkorporat f'tariffa li tinkludi essenzjalment il-prezzijiet ta' diversi servizzi u li l-komponenti tagħha ġeneralment ikun jafhom biss l-organizzatur tal-vjaġġ, la t-trasportatur [60] u lanqas ix-xerrej ma jkunu jafu liema porzjon ta' din it-tariffa jikkorrispondi għat-titjira kkonċernata. Fi kliem ieħor, jidhirli li ma huwiex realistiku li t-trasportatur dejjem jista' jikkwantifika l-ammont eżatt tar-rimbors [61] li jkun dovut lil dan il-passiġġier f'tali ċirkustanzi.

57 Ara l-Linji Gwida Interpretattivi dwar ir-Regolament Nru 261/2004 (ĠU 2016, C 214, p. 5), Taqsima 2.2.6, bit-titolu "Kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament fir-rigward tad-Direttiva dwar il-vjaġġi kollox inkluż". Dan id-dokument mhux vinkolanti jissemma wkoll mill-qorti tar-rinviju, li ġustament tosserva li t-Taqsima 4.2 tiegħu tirrigwarda d-dritt għar-rimbors f'każ ta' kanċellazzjoni, iżda mingħajr ma ssemmi l-kontenut tal-Artikolu 8(2) ta' dak ir-regolament.

58 Fil-fatt, il-premessa 36 u l-Artikolu 14(5) tad-Direttiva 2015/2302 jippreċiżaw li l-kumpens mogħti skont din id-direttiva, fil-każ ta' eżekuzzjoni ħażina tas-servizzi tal-ivvjaġġar, u dak mogħti skont atti oħrajn tad-dritt tal-Unjoni ċċitati, li fosthom hemm ir-Regolament Nru 261/2004, għandhom "jitnaqqsu minn xulxin sabiex jiġi evitat kumpens żejjed". Għalkemm din id-direttiva, li ssostitwiet id-Direttiva 90/314, ma hijiex applikabbli f'dan il-każ (ara l-punt 8 ta' dawn il-konklużjonijiet), il-preċiżazzjoni magħmula mil-leġiżlatur tal-Unjoni ma hijiex madankollu mingħajr interess, fil-fehma tiegħi, fil-kawża preżenti.

59 Sfortunatament ma huwiex rari li konsumatur jiġi affaċċjat bl-insolvenza jew bil-falliment ta' professjonist li jkun ikkonkluda kuntratt miegħu, mingħajr qatt ma jkun jista' jikseb rimedju jew kumpens għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' dan tal-aħħar.

60 Ma jistax jiġi preżunt, fil-fehma tiegħi, li l-prezz li għandu jitħallas lura lil tali passiġġieri huwa identiku għall-prezz miftiehem bejn l-organizzatur tal-vjaġġi u t-trasportatur għax-xiri ta' postijiet fuq l-ajruplan, peress li l-organizzatur seta' għażel tariffa differenti meta biegħ il-biljetti lill-klijenti tiegħu.

61 Infakkar li l-Artikolu 8(1)(a) tar-Regolament Nru 261/2004 jipprovdi "rimbors […] tal-prezz sħiħ tal-biljett bil-prezz b'liema ġie mixtri", u mhux bi prezz qrib tiegħu.

67. Fid-dawl ta' dawn l-elementi kollha, l-Artikolu 8(2) tar-Regolament Nru 261/2004 għandu, fil-fehma tiegħi, jiġi interpretat fis-sens li passiġġier li jkollu, skont id-Direttiva 90/314 kif trasposta fil-liġi nazzjonali, id-dritt li jikkuntattja lill-organizzatur tal-vjaġġ kollox inkluż fil-każ li dan jiġi kkanċellat, sabiex jikseb ir-restituzzjoni tas-somom kollha li huwa ħallsu skont il-kuntratt tagħhom, ma jistax jitlob rimbors tal-biljett tal-ajru tiegħu mingħand it-trasportatur tal-ajru li jopera, abbażi ta' dan ir-regolament, anki meta l-imsemmi organizzatur ma jkunx finanzjarjament kapaċi li jirrimborsa l-biljett u ma jkunx ħa l-miżuri ta' garanzija meħtieġa biex jiżgura tali rimbors.

V. Konklużjoni

68. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi preliminari magħmula mir-rechtbank Noord-Nederland (il-Qorti Distrettwali ta' Noord-Nederland, il-Pajjiżi l-Baxxi) b'dan il-mod:

L-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91, għandu jiġi interpretat fis-sens li passiġġier li għandu, skont id-Direttiva tal-Kunsill 90/314/KEE tat-13 ta' Ġunju 1990 dwar il-vjaġġi kollox kompriż (package travel), il-vaganzi kollox kompriż u t-tours kollox kompriż, kif trasposta fil-liġi nazzjonali, id-dritt li jikkuntattja lill-organizzatur tal-vjaġġ kollox inkluż fil-każ li dan jiġi kkanċellat, sabiex jikseb ir-restituzzjoni tas-somom kollha li huwa ħallsu skont il-kuntratt tagħhom, ma jistax jitlob rimbors tal-biljett tal-ajru tiegħu mingħand it-trasportatur tal-ajru li jopera, abbażi ta' dan ir-regolament, anki meta l-imsemmi organizzatur ma jkunx finanzjarjament kapaċi li jirrimborsa l-biljett u ma jkunx ħa l-miżuri ta' garanzija meħtieġa biex jiżgura tali rimbors.